MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 12/2014

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-knisja Parrokjali ta' San Pawl fir-Rabat, Malta fit-30 ta' Mejju 2002 (vide Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;
3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba minacci, ingurji gravi, mohqrija, sevizzi u anke adulterju da parti tal-intimat li huwa unikament hati ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg;
4. Illi kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-intimat jahdmu bi qligh fuq bazi full time;
5. Illi l-kontendenti kienu jghixu fil-fond 218, St Rita House, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi izda ricentement ir-rikorrenti kienet kostretta li, sabiex tissalvagwardja s-sahha u l-inkolumita' taghha, tallonta ruhha mid-dar matrimonjali minhabba l-episodji ripetuti ta' vjolenza mwettqa mill-intimat fil-konfront taghha, oltre ghal theddid u minacci serjissimi fuq bazi kontinwa;
6. Illi l-imsemmi fond 218, St Rita House, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi jikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-kontendenti u ghalkemm jappartjeni parafernalment lill-intimat ir-rikorrenti ghandha kreditu fil-konfront tieghu konsistenti kemm fi flus minfuqa minnha qabel iz-zwieg u kif ukoll flus minfuqa matul iz-zwieg mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom;
7. Illi r-rikorrenti parafernalment harget bosta flus u ghamlet spejjez estensivi f'affarijiet li minnhom ibbenefika l-intimat;
8. Illi oltre dan l-intimat ibbenefika minn hafna xoghol u servizzi li gew lilu rezi ghall-beneficcju tieghu minn missier ir-rikorrenti, inkluz xogholijiet fi proprjeta' mobbli u immobbli parafernali tieghu;
9. Illi r-rikorrenti ghamlet kull sforz, kemm qabel u kif ukoll matul il-proceduri ta' medjazzjoni, sabiex tigi konkluza separazzjoni konsenswali, izda dan minghajr ebda ezitu pozittivi minhabba fl-intrasigenza u n-nuqqas ta' koperazzjoni da parti tal-intimat;
10. Illi b'digriet Numru 2516/13 moghti fit-28 ta' Novembru, 2013 (vide Dok 'B') din il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat li jigu istitwiti proceduri gudizzjarji ta' separazzjoni;
11. Illi ghalhekk kellha u qeghda ssir din il-kawza;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tippronunzja s-separazzjoni personali u l-firda tal-partijiet ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;
(ii) Tiddikjara illi l-intimat huwa unikament hati ghall-firda tal-kontendenti minhabba adulterju u/jew minacci u/jew sevizzi

u/jew ingurji gravi minnu perpetrati, u dan a tenur tal-artikoli 38 u 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta'

(iii) Konsegwentement tikkommina u tapplika kontra l-intimat dawk l-effetti prefissi fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iv) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'dan illi b'effett mid-data tas-sentenza kull akkwist maghmul ghandu jibqa' proprjeta esklussiva tal-parti li tkun ghamlitu u kull obbligazzjoni assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha, u dan a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(v) Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg kontendenti, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi, u tiddividiha f'zewg porzjonijiet, mhux necessarjment ugwali, u tassenja porzjon minnhom, li, f'kaz ta' disparita', ghandu jkun l-akbar porzjon, lill-attrici, u l-porzjon l-iehor, li f'kaz ta' disparita', ghandu jkun l-izghar porzjon, lill-konvenut hati tal-firda u dan anke bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet menzjonati fit-tielet (3) talba;

(vi) Tinnomina nutar pubbliku, jekk ikun il-kaz, sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u sabiex jaghmel dak kollu illi huwa mehtieg, incidentali u/jew ancillari ghal dan l-iskop;

(vii) Tinnomina kuraturi deputati, jekk ikun il-kaz, sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja tal-intimat fuq l-att tal-qasma u assenjazzjoni;

(viii) Tordna lill-intimat sabiex jassenja lir-rikorrenti l-proprjeta' dotali u parafernali kollha taghha;

(ix) Tillikwida kull kreditu dovut lir-rikorrenti minghand l-intimat, inkluz ghall-hlasijiet maghmula minn fondi parafernali tar-rikorrenti ghall-beneficcju tal-intimat u hlasijiet maghmula minn fondi tal-komunjoni tal-akkwisti li minnhom ibbenefika l-intimat;

(x) Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti tali kreditu minnu lilha dovut fl-ammont li jigi hekk likwidat;

(xi) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' 'Galea', a tenur tal-artikolu 62(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

(xii) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra s-sentenza ta' separazzjoni personali meta din tkun saret *res judicata*, u dan a tenur tal-artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ipprezentat mir-rikorrenti kontestwalment ma dan ir-Rikors Guramentat kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti illi gew ezebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan li l-intimat , minkejja li gie debitament notifikat bl-atti tal-kawza, baqa' ma prezenta ebda risposta guramentata u konsegwentement huwa kontumaci f'dawn il-proceduri.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[1], l-attrici tghid li hi u l-intimat izzewgu nhar it-30 ta' Mejju 2009 fir-Rabat Malta. Tghid li qabel iz-zwieg, meta kienu jghixu flimkien, kien diga' jerfa' jdejh fuqha izda ttamat li l-affarijiet jitrangaw maz-zmien. Tatu l-beneficcju tad-dubju ghax kien ghaddej minn zmien difficli. Pero' minkejja li kienet hemm ghalih f'kull sens, ma kienx juriha rispett. Dwar flus tghid li flusu kienu tieghu biss, filwaqt li

[1] Esebit a fol 40 tal-process

flusha kienu tieghu wkoll. Tiddiskrivih bhala ragel egoist anke f'aspetti intimi u bhala ragel li lanqas igib rispett lejn il-familja taghha.

Fil-hajja mizzewga, l-intimat kompla jkun vjolenti ghalkemm kien hemm zmien fejn kien waqaf. Minkejja li kienet taf li jisthoqqilha ahjar, lill-genituri taghha ma qaltilhom xejn biex ma tinkwetahomx u ghax kienet taf li jekk tghidilhom, iz-zwieg kien ser jispicca darba ghal dejjem u sa' dak iz-zmien kienet ghadha qed tittama li ssalva z-zwieg. Tesebixxi wkoll ritratt[2] meta qasmilha xufftejha u dan fil-prezenza ta' huha Kevin. Wara diversi episodji ta' vjolenza, ddecidiet li tibda taghmel ir-rapporti mal-Pulizija u f'dan il-kuntest tannetti kopji ta' rapporti li ghamlet[3] kontra zewgha. Tesebixxi wkoll ritratti li juru l-vjolenza kif ukoll certifikati medici[4].

Tghid ukoll li hija konvita li kellu relazzjoni adultera ghaliex ma baqax ifittixha u peress li iffissa fuq il-*bodybuilding*. Izzid tghid ukoll li darba dahlet fil-karozza tieghu u sabet par zarbun li mhux taghha, siringi u mgharfa. Tesebixxi wkoll stqarrija li ta l-intimat lill-Pulizija meta nstab ma' certu Tania Attard li fiha l-istess intimat jikkonferma li ghandha l-vizzju tad-droga u li kien wassalha biex tixtri d-droga. Jghid ukoll li kien jaghtiha l-flus biex tixtri d-droga ghaliex kien jaraha mugugha. Tghid ukoll li l-intimat ammetta maghha li minkejja li qabel iz-zwieg kien jghid li ried it-tfal (bhal ma riedet hi wkoll), fil-verita' dan ma kienx minnu u ghal dan il-ghan tipprezenta *recording* u traskrizzjoni[5].

Dwar l-ammont li hija tikkontendi li ghandha tigi mhallsa mill-intimat, l-attrici tghid li qabel iz-zwieg harget ammont sostanzjali ta' flus sabiex isiru xi xogholijiet fid-dar matrimonjali (proprjeta' parafernali tal-intimat)

---

[2] Ara Dok. X2 esebit a fol 48 tal-process

[3] Ara Dok. X3 esebit a fol 50 tal-process u Dok. X4 esebit a fol 53 tal-process

[4] Ara a fol 57 – 60 tal-process

[5] Ara Dok. X17 esebit a fol 71 tal-process

u tghid li xtrat diversi mobbli ghall-istess dar u ghal dan il-ghan tipprezenta numru ta' ricevuti[6]. Tipprezenta wkoll ricevuti ta' mobbli li nxtraw fiz-zwieg u li thallew fl-istess proprjeta'. Izzid tghid ukoll li kienet tkun hi li thallas ghal kwazi kollox fiz-zwieg filwaqt li huha u missierha kienu wkoll ghamlu xi xogholijiet li huma ghall-beneficcju tal-istess intimat. Titlob ukoll l-ispejjez tal-*honeymoon* u tat-tieg kif ukoll il-kontijiet tas-servizzi li intuzaw fid-dar matrimonjali.

Imbaghad permezz tax-xiehda taghha *viva-voce*[7] l-attrici tesebixxi vera kopja ta' sentenza li inghatat kontra l-intimat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn l-istess intimat, wara ammissjoni da parti tieghu stess li ingurja u hedded lill-attrici, li hebb ghaliha u kkagunalha feriti ta' natura hafifa u li kkaguna lill-istess attrici li tibza' li ser tintuza l-vjolenza kontriha, applikat l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu taht penali ta' hames mitt Euro (€500).

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet fl-ismijiet premessi zzewgu nhar it-30 ta' Mejju 2009 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti a fol 4 tal-process. Permezz tan-nota guramentata taghha l-attrici tikkontendi li r-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg ghandha tigi attribwita lill-intimat u dan *stante* li qarraq biha meta qalilha li ried it-tfal, pero' wara skopriet li dan mhux minnu, minhabba adulterju kif ukoll minhabba ingurji gravi. Peress li z-zewg partijiet jahdmu bi qliegh, tiddikjara li m'hijiex qed titlob manteniment minghand zewgha. Tiddikjara li d-dar matrimonjali (li kienet kostretta tohrog minnha) hija proprjeta' parafernali tal-intimat b'dan li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet hija

[6] Ara Dok. RF1 esebit a fol 74 tal-process

[7] Datata l-4 ta' Dicembru 2014

konsistenti fil-mobbli li hemm fid-dar gia matrimonjali (u cioe' 218, St. Ritra Triq Mons. Mikiel Azzopardi Siggiewi). Tikkontendi wkoll li ghandha kreditu ta' madwar €40,000 rapprezentanti fi spejjez li hija ghamlet kemm qabel u kemm matul iz-zwieg ghall-beneficcju tal-intimat u benefikati ohra li saru a vantagg tal-intimat.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta' Carmel Galea[8] li jigi missier l-attrici li jghid li kienet bintu li xtrat il-madum tad-dar matrimonjali u l-kamra tal-banju ghaliex hu kien maghha. Jghid li kien hosbien kif wara z-zwieg m'ghamlu xejn aktar fid-dar u dan peress li l-partijiet ma kellhomx spejjeż – la kellhom dejn mal-bank u lanqas tfal izda xorta d-dar ma kienitx lesta. Qaghad lura milli jistaqsi lil bintu dwar dan. Jiddikjara li ghamel tibjida u tikhila fid-dar tas-Siggiewi flimkien ma' xoghol iehor tal-gebel u l-kostruzzjoni. Jghid li ghall-habta ta' Jannar ta' sentejn qabel bintu kienet fethet qalbha mieghu dwar il-problemi li kellhom fiz-zwieg. Semmietlu l-kwistjoni tal-flus ghaliex kien jonfoq il-paga tieghu kollha fuqu nnifsu u ghall-kapricci tieghu. Jiddikjara li l-akbar xokk li ha kien meta ra lil bintu tasal ghandhom b'xuffitha minfuha. Kien f'dan iz-zmien li bintu ammettiet mieghu li zewgha kien qed jerfa' jdejh fuqha. Ghalkemm jammetti li kien irrabjat ghall-intimat, irrealizza li d-decizjoni dwar x'ser taghmel l-attrici kellha fil-fatt tehodha hi personalment. Kienet konfuza dwar x'ser taghmel ghaliex minn banda kienet ghadha thobbu filwaqt li min-naha l-ohra ma riditx tghix dik it-tip ta' hajja. Jghid li ta l-parir biex tahsibha sew biex tara jekk iz-zwieg jistax jigi salvat, pero' l-incidenti baqghu ikunu aktar frekwenti. Jikkonferma dak li jghid ibnu Kevin u cioe' li l-intimat ammetta li kien refa' jdejh fuq l-attrici fil-prezenza tieghu u ta' ibnu Kevin stess. Meta staqsa lill-intimat ghaliex issa kien qed jghid li ma riedx tfal (meta qabel iz-zwieg qal mod iehor), l-intimat irrisponda li jibza' mir-responsabbilita'. Jghid li anke oht l-intimat sellfitu l-flus. Jghid li ma jistax jifhem x'kien qed jigri bil-flus tal-intimat izda skond suspett li ghandha bintu, l-intimat ghandu l-vizzju tad-droga. Jghid li bintu sabitlu zarbun ta' tfajla fil-vettura tieghu (ta' zewgha) li gieghlitha tahseb li ghandu wicc haddiehor. Jaghlaq billi jghid li minkejja li bintu telqet mid-dar

[8] Esebit a fol 27 tal-process

matrimonjali, l-incidenti u t-theddid baqghu jikbru u ghalhekk ma kellha ebda triq ohra hlief li tmur tghix maghhom.

Issir referenza ghall-affidavit ta' omm l-attirici Maria Dolores sive Doris Galea[9], fejn wara li tiddikjara u tikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' zewgha Carmel Galea zzid tghid li l-partijiet ghamlu hames (5) snin jghixu flimkien qabel iz-zwieg. Tghid li fid-dar tas-Siggiewi, bintha kienet harget hafna flus b'dan li tiddikjara li bintha xtrat hafna mill-ghamara tal-istess dar inkluza l-kcina, il-*wall-unit*, linfa, brazzi u bosta oggetti ohra. Tghid li zewgha ghamel xoghol ta' tikhil u tibjid f'din id-dar tas-Siggiewi. Taghlaq billi tghid li kienet tara lil bintha mdejjqa izda qatt ma qaltilha xejn sakemm fl-ahhar saret taf ghaliex bintha kienet f'dak l-istat.

Issir referenza wkoll ghall-affidavit ta' Kevin Galea[10] fejn jghid li minkejja li kien jara xi tbengil fuq ohtu u kien jistaqsiha dwarhom, qatt ma ammettiet li dawn kien jaghmilhomlha l-intimat sakemm imbaghad qalet il-verita' meta l-partijiet isseparaw *de facto*. Jghid li ma kienx jemmen l-iskuzi ta' ohtu dwar is-swat ghaliex darba minnhom kien ra b'ghajnejh stess lill-intimat jerfa' jdejh fuqha. Jghid ukoll li f'Awwissu 2012 l-intimat kien ukoll refa' jdejh fuq ohtu b'dan li kien ammetta fil-prezenza tieghu, ta' missieru, ta' huh Aaron u ta' oht l-intimat Rita Borg, li wkoll qaltlu li ma kienx ghamel sew. Jghid li wara dan l-incident ohtu baqghet tghix mal-intimat izda mbaghad dawn l-episodji bdew isiru aktar spissi u wara li bdew il-proceduri ta' separazzjoni, ohtu marret tghix ghand il-genituri taghha.

Issir referenza wkoll ghan-nota ulterjuri tal-attrici fejn tesebixxi l-FS3s taghha ghas-snin 2011 sas-sena 2013 kif ukoll Dok. XB (lista ta' parti mill-hlasijiet permezz ta' *cheques* li nhargu mill-kontijiet bankarji taghha li ntefqu ghall-ghejxien tal-partijiet) u Dok. XC (lista ta' parti mill-hlasijiet permezz ta' *cheques* li nhargu mill-kontijiet bankarji tal-attrici u li ntefqu

---
[9] Esebit a fol 22 tal-process

[10] Esebit a fol 24 tal-process

ghas-servizzi tad-dar. Il-Qorti tirrileva li tali dokumenti ma juru xejn dwar xi benefikati li setghu saru fid-dar matrimonjali u li hi proprjeta' parafernali tal-intimat, ghaliex tali dokumenti juru biss li l-partijiet kienu jaghmlu x-xirjiet (bhal ma taghmel kull koppja ohra - liema affarijiet huma konsumabbli u konsegwentement l-attrici m'ghandhiex dritt li titlobhom lura *stante* li anke hi bbenefikat minnhom), kif wara kollox ibbenefikat mis-servizzi li kienu ezistenti fl-istess dar bhas-servizz tad-dawl u l-ilma u tal-Melita.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Roderick Agius[11] fejn jghid li l-attrici intavolat tliet (3) rapporti kontra l-intimat[12], fosthom rapporti relatati ma' insulti u theddid u anke argument fejn l-istess attrici sofriet xi griehi ta' natura hafifa. Jghid li minkejja li hargu akkuzi kontra l-intimat, ma jafx l-ezitu taghhom.

**DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI**

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

[11] Datata l-14 ta' Ottubru 2014 esebita a fol 174 tal-process

[12] Ara Dok. RA1 – RA3 esebiti a fol 177 sa' 186 tal-process

Il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimat irrenda ruhu hati ta' vjolenza fil-konfront tal-attrici martu (anke tenut kont tal-ammissjoni tieghu stess quddiem il-Qorti tal-Magistrati), apparti r-ritratti u r-rapporti li ghamlet l-istess attrici li jkomplu jikkorraboraw ix-xenarju li kienet qed tghix fih. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-intimat huwa hati u responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-istess intimat.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 KONTRA L-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament

imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tapplika l-istess fil-konfront tal-intimat.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza gie dikjarat mill-attrici li d-dar matrimonjali hija parafernali tal-intimat u l-unika kwistjoni li hemm pendenti bejn il-partijiet hija l-pretensjoni taghha ghal ammont li hija temmen li ghandha tigi rifuza tieghu. F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit tal-attrici u d-dokumentazzjoni kollha annessa mieghu u tirrileva li filwaqt li hemm ammonti li verament ghandhom jigu rifuzi lill-attrici, *stante* li taghhom ghandha kreditu, fosthom il-mobbli li nxtraw qabel iz-zwieg u li ghadhom fid-dar gia matrimonjali (li jammontaw ghal €6987.59 kif ukoll nofs l-ispejjez ta' oggetti u mobbli ohra li nxtraw fiz-zwieg li jammontaw ghal €1060, l-Qorti ma thossx li huwa gust u ekwu li l-intimat jigi ordnat ihallas l-ispejjez relattivi tal-*honeymoon* jew tat-tieg ghaliex certament il-*honeymoon* tgawda miz-zewg partijiet filwaqt li l-istess jista' jinghad ghat-tieg. Dawn l-ispejjez m'humiex spejjez li jistghu jigu rifuzi lura ghaliex iz-zwieg spicca ghaliex l-intimat m'huwa qieghed igawdi xejn prezentement mill-*honeymoon* jew mit-tieg. Mhux l-istess jista' jinghad pero' ghall-mobbli li ghadhom fid-dar matrimonjali ghall-godiment esklussiv tal-intimat. Il-Qorti thoss ukoll li f'dawn ic-cirkustanzi ma tistax tordna lill-intimat ihallas ghal nofs l-ispejjez tal-hajja u l-bzonnijiet ta' matul iz-zwieg ghaliex dawn huma affarijiet konsumabbli li naturalment gew konsmati miz-zewg partijiet fiz-zmien ta' konvivenza taghhom. L-istess irid jinghad ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma jew tat-*television.* Pero' kwantu ghall-oggetti li nxtraw mill-attrici u li qed jigu uzati esklussivament mill-intimat[13] (li jammontaw ghal €1800 skond Dok. RF3[14]) il-Qorti thoss li l-istess attrici

[13] Ara b'mod partikolari Dok. RF3 esebit a fol 96 tal-process

[14] Esebit a fol 96 tal-process

ghandha tkun kompensata dwarhom. Dwar ix-xoghol li sar da parti ta' hu l-attrici u missierha, l-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-istess missierha u huha, dawn kienu intizi li jkunu b'xejn. Apparti minn hekk, l-istess missier u hu l-attrici m'humiex parti mill-kawza odjerna u konsegwentement, kieku kellhom xi *claim* fil-konfront tal-intimat, din kellha ssir minnhom personalment u mhux *tramite* l-attrici fil-kawza ta' separazzjoni taghha.

**DWAR L-ASSI PARAFERNALI**

Il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti naqset milli ggib prova ta' xi assi parafernali (hlief ghall-kreditu parafernali kwantu ghax-xogholijiet u l-mobbli li nxtraw qabel iz-zwieg u li baqghu fid-dar gia matrimonjali) u konsegwentement, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba abbazi ta' nuqqas ta' provi.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali u l-firda tal-partijiet;
2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimat huwa hati ghall-firda tal-partijiet;
3. Tilqa' t-tielet talba;
4. Tilqa' r-raba talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;
5. Tilqa' l-hames talba billi tiddikajra li l-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta' tal-intimat b'dan

li l-istess intimat ghandu jhallas lill-attrici s-somma kumplessiva ta' €9847.59 rapprezentanti sehemha mill-benefikati li thallew fid-dar gia matrimonjali;

6. Tichad is-sitt u s-seba' talbiet ;
7. Tichad it-tmien talba abbazi ta' nuqqas ta' provi;
8. Tilqa' d-disa' talba u tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas is-somma msemmija aktar 'il fuq u cioe' s-somma ta' €9847.59;
9. Tilqa' l-ghaxar talba u tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' €9847.59 lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tigi *res judicata*;
10. Tilqa' l-hdax –it talba u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Galea;
11. Tilqa' t-tnax –il talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra s-sentenza personali meta din tkun saret *res judicata*.

Bl-ispejjez hekk kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------